**Każ Nru CEDUC-25-5854**

27 ta' Marzu 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mis-[omissis] għan-nom ta' [omissis].

Kif spjegat dettaljament fl-Opinjoni Finali tas-17 ta' Marzu 2025 (hawn annessa) xxxx in kwistjoni tbati bid-dislessija, u għall-eżamijiet kollha s'issa tal-MATSEC hija dejjem ingħatat 'special access arrangements'.

Sfortunatament, meta applikat għall-eżamijiet ta' din is-sena, hija ma ndunatx, sforz l-istess dislessija, b'nota li kien hemm fuq l-applikazzjoni online li kienet tgħid li għall-'special access arrangements' wieħed kellu japplika billi jimla formola separata.

Minkejja l-ġenwinità tal-ommissjoni u minkejja li l-applikazzjoni ta' 'special access arrangements' fil-każ *de quo* b'ebda mod ma jolqot l-integrità tal-eżamijiet, id-Direttur Eżekuttiv tal-MATSEC qed jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fil-każ konkret b'mod irraġonevoli, inġust, oppressiv u ħażin.

Ir-rakkomandazzjoni ta' dan l-Uffiċċju ma ġietx aċċettata, kif jirriżulta minn email mibgħuta mid-Direttur tas-Servizzi Legali tal-Univerisità fl-20 ta' dan.

Fl-20 ta' Marzu 2025 aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini u għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Kap. 385.

Billi sal-lum dan l-Uffiċċju baqa' ma sema' xejn aktar mingħand l-Università ta' Malta dwar l-aċċettazzjoni u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

| | |
|---|---|
| Joseph Zammit McKeon | Vincent A Degaetano |
| Ombudsman | Kummissarju għall-Edukazzjoni |

Dokumenti Annessi:

Rapport Finali – 17 ta' Marzu 2025
Ittra lill-Prim Ministru – 20 ta' Marzu 2025
Risposta tal-Università ta' Malta – 20 ta' Marzu 2025